MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 26/2008

Malta Enterprise Corporation
vs
Emanuel u Diane konjugi Spiteri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Christopher sive Chris Falzon, Chief Executive Officer tal-korporazzjoni rikorrenti, ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess korporazzjoni li bih espona:

1. Permezz ta' kuntratt pubbliku ta' self fl-atti tan-nutar Dr. Anthony Spiteri Debono datat 15 ta' Frar 1999 (anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok MEC1), il-korporazzjoni rikorrenti sellfet lill-intimati l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u sitta u erbghin Lira Maltin (Lm23,846) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin elf hames mija u wiehed u sittin Euro u tmintax-il centezmu (€55,561.18);

2. Il-kuntratt immarkat Dok MEC 1 jirregola l-process ta' kif kellu jsir il-hlas tal-pagamenti u ta' l-imghaxijiet relattivi li kellhom jithallsu lill-korporazzjoni rikorrenti;

3. L-intimati naqsu mill-jhallsu erba' skadenzi ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltin (Lm2,400)-il wahda ekwivalenti ghal hamest elef hames mija u tnejn u disghin Euro (€5,592)-il wahda;

4. Dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt immarkat Dok MEC1, senjatament, izda mhux limitatament, tar-raba' paragrafu tat-tieni pagna tal-kuntratt immarkat Dok MEC1;

5. Minhabba fin-nuqqas ta' l-intimati li jhallsu l-pagamenti u l-imghaxijiet dovuti, l-ammont tas-self gie dovut fl-intier tieghu, u dan skond it-tieni paragrafu tat-tielet pagna tal-kuntratt immarkat Dok MEC1;

6. Nonostante li l-intimati gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-pagamenti u l-imghaxijiet dovuti skond il-kuntratt immarkat Dok MEC1, anke permezz ta' ittra ufficjali (kopja annessa mar-rikors bhala Dok MEC2), is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

7. L-imsemmi Chief Executive Officer tal-korporazzjoni rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

i. tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm11,485) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sittin Euro u hames centezmu (€26,760.05) huwa dovut lill-korporazzjoni rikorrenti skond il-kuntratt immarkat Dok MEC1;

ii. tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex fi zmien qasir u perentorju jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk dovut fl-intier tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Gunju 2007, u bl-imghaxijiet li, sa l-ahhar ta' Gunju 2007

jammontaw ghal sebgha mija u tlieta u erbghin Lira Maltin (Lm743) ekwivalenti ghal elf sebgha mija u wiehed u tletin Euro u dsatax-il centezmu (€1,731.19), u b'dawk l-imghaxijiet ulterjuri skond il-kuntratt sad-data ta' l-ittra ufficjali surriferita, u, sussegwentement, bl-oghla rata permissibbli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif stipulat mill-istess kuntratt anness bhala Dokument "A" kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum l-intimati debitament notifikati ma dehrux u ma deher hadd ghalihom u anqas ipprezentaw risposta guramentata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm11,485) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sittin Euro u hames centezmu (€26,760.05) huwa dovut lill-korporazzjoni rikorrenti skond il-kuntratt immarkat Dok MEC1.

Tikkundanna lill-intimati ***in solidum*** bejniethom sabiex fi zmien xahrejn ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk dovut fl-intier tieghu.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------